MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 389/1996/1

**David Warrington ghan-nom u in rappresentanza ta' Allied Insurance Limited agenta tas-socjeta' assikuratrici estera Legal and General Assurance Society u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat Anthony Chetcuti**
**vs**
**Ignatius Paul Demicoli, u b' digriet tal-Qorti tat-2 ta' Gunju 2000 gew nominati Dr.Martin Fenech LL.D u l-PL.Liliana Buhagiar bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti ta' l-istess Ignatius Paul Demicoli, u b' digriet tat-3 ta' Novembru 2000 Paul Demicoli gie mahtur kuratur deputat minnflok Dr.Martin Fenech LLd u l-PL.Liliana Buhagiar.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine, wara li ppremetta: illi fis-16 ta' Settembru 1995, filwaqt illi l-vettura Peugeot 106 numru tar-registrazzjoni I-5782

misjuqa fi Triq Selmun, Selmun, limiti tal-Mellieha giet involuta f'kollizzjoni mal-vettura numru tar-registrazzjoni Z-2448 misjuqa mill-konvenut.

Illi din il-kollizzjoni grat minhabba traskuragini, negligenza u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi b'rizultat ta' dina l-kollizzjoni, l-vettura I-5782 tal-assigurat garrbet hsarat ammontanti ghal mitejn u disgha u disghin lira Maltin (LM299.00.0)

Illi ghall-hsarat sofferti fil-vettura I-5782 kellha taghmel tajjeb is-socjeta' attrici minhabba f'polza tat-tip "fully comprehensive" u tal-ligi.

Illi s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat.

Illi ghalkemm interpellat, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talab li l-konvenut jghid ghliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:
1. Tiddikjarah responsabbli ghall-kollizzjoni imsemmija u cioe` dik tas-16 ta' Settembru 1995 fi Triq Selmun, Selmun, limiti tal-Mellieha;
2. Tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltin (LM299.00.0) jew somma verjuri, danni inkorsi mill-assigurat tas-socjeta' attrici b'rizultat tal-imsemmija kollizzjoni li ghalihom kellu jhallas l-istess attur nomine kif fuq premess.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Demicoli fejn eccepixxa:
1. Illi t-talbiet ta' l-attur kif dedotti fl-odejrna citazzjoni ghandhom jigu respinti peress li huma ghal kolox infondati kemm fuq bazi fattwali kif ukoll fuq dik legali u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt l-ismiegh ta' dawn il-proceduri;

2. Illi l-konvenut Ignatius Paul Demicoli ma ghandux jigi ritenut legalment responsabbli tal-incident in kwistjoni in vista tal-fatt li dan sehh minhabba tortijiet unikament imputabbli ghall-assikurat tal-attur;
3. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiewt ulterjuri jekk l-eccipjenti jigi a konoxxenza ta’ fatturi ohra, illum insaputi, u fil-kaz li tali eccezzjonijiet ulterjuri jikunu opportuni skond il-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qed jigi ngun ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Semghet il-provi bil-gurament;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kaz odjern gie istitwit wara incident li sehh fis-16 ta’ Settembru 1995 bejn il-vettura I-5782 misjuqa minn Albert Chetcuti l-assikurat tas-socjeta’ attrici, u l-vettura Z-2448 misjuqa minn Ignatius Paul Dimech li miet fil-mori tal-kawza. Dan l-incident sehh go Selmun Road, Selmun waqt li dan ta’ l-ahhar kien qed jghamel manuvra ta’ rivers biex jipparkja f’ post fl-imsemmi Triq f’ posizjoni perpendikulari mal-istess triq.

Jidher li f’ xi hin l-imsemmi Albert Chetcuti dahal minnfloku bil-quddiem, u hekk kif dana waqqaf il-vettura tieghu, ghalkemm bil-magna mixghula, huwa ra lill-konvenut qed jirriversja. Chetcuti daqq il-horn, izda xorta wahda l-konvenut baqa diehel fih, bir-rizultat li kkaguna fil-vettura I-5782 hsara fl-ammont ta’ Lm299 liema ammont giet konfermata bil-gurament u ma giex kontestat mill-kontro parti.

Illi l-Qorti tosserva li dawn il-fatti gew konfermati mill-imsemmi Albert Chetcuti bil-gurament. Minn naha tieghu, il-konvenut Ignatius Paul Demicoli, stante li miet fil-mori tal-proceduri, ma lahaqx ghamel id-dikjarazzjoni guramentata man-nota tal-eccezzjonijiet u ma lahaqx ta x-

xhieda tieghu, u ghalhekk l-uniku element ta' prova li tesisti dwar il-versjoni tieghu hija dak li qal lil Ps.298 Joseph Grima *a tempo vergine*.

Illi skond ix-xhieda tas-surgent, il-konvenut *a tempo vergine* qallu *"dak [Albert Chetcuti] ma kienx hemm, kien qed jirriversja u dahallu wara li kien qed jirriversja. Ma rahx u laqtu fil-genb tal-karrozza".*[1]

Illi mill-kumpless tal-provi u b' mod partikolari mill-posizzjoni tal-hsara fuq il-vetturi, jirrizulta li l-versjoni kif esposta minn Albert Chetcuti hija verosimili. Il-hsara fuq il-vettura tieghu qeda fuq in-naha tal-lemin filwaqt li l-hsara fuq il-vettura misjuqa minn Demicoli qeda fuq in-naha ta' wara xellugi fit-tarf.[2] Il-posizzjonijiet tal-hsarat fil-vetturi rispettivi juru li kien il-konvenut li baqa' diehel, waqt li kien qed jirriversja, fuq il-vettura ta' Chetcuti.

Illi in tema legali jigi osservat li huwa prinicpju assodat fis-sewqan li kull sewwieq ghandu jzomm *a proper look out* waqt li qed isuq. Dan ifisser li ghandu jara *what is in plain view* u jsuq b' dik id-diligenza dettata mic-cirkostanzi li jkun fihom. *Multo magis* meta s-sewwieq ikun qed jaghmel manuvra ta' rivers. F' dan il-kaz il-grad ta' diligenza tieghu huwa akbar fis-sens li jrid juza aktar attenzjoni u jkun qed izomm *a proper look out* fid-direzzjoni li tkun miexja l-vettura. Huwa ghandu d-dover li jassigura kontiwament li sakemm il-vettura tieghu qeda miexja, kemm jekk miexja l' quddiem kif ukoll jekk miexja lura, li ma johloqx perikolu jew hsara ghal min ikun jinserta f' dik il-parti tat-triq.

Fil-kaz in disamina Ignatius Paul Dimech kellu l-obbligu li waqt li qed jirriversja jzomm *a proper look out* kontinwament ghal xi ostakolu li seta' jiltaqgha mieghu. Jidher mill-provi li f' dan il-kaz il-konvenut **la ra il-vettura** ta' Albert Chetcuti u **lanqas sema' l-horn idoqq**, u f' dawn ic-cirkostanzi zgur ma jistax jinghad li Dimech kien qed jesercita dik id-diligenza fis-sewqan li l-manuvra li kien qed jaghmel kienet tirrikjedi. Minn naha l-ohra, fil-

[1] Deposizzjoni Ps.298 18 ta' Ottubru 2003
[2] Fol.14

konfront ta’ Albert Chetcuti ma giex provat li dana b’ xi mod kien negligenti fis-sewqan. Fid-deposizzjoni tieghu huwa sostna li, ghalkemm il-magna kienet ghadha mixghula, il-vettura tieghu kienet wieqfa. Fil-fatt skond hu, dana ra l-vettura ta’ Dimech tirriversja ghall-fuqu u daqq il-horn izda inutilment.

Illi in konkluzjoni l-Qorti tosserva li mill-provi migjuba jirrizulta li l-incident de quo gara unikament tort tal-konvenut Ignatius Paul Dimech li allura huwa responsabbli ghad-danni konsegwenzjali ammontanti ghal-Lm299 kif fuq indikat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq indikat, u tikkundannah ihallas is-somma ta’ mitejn disa u disghin lira maltin [Lm299] in linea ta’ danni, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------